**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

---

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 63** – L-Erbgha 21 ta' Frar fl-4:30pm.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar fl-4:30pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

## 63.1 Talba

63.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

63.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

## 63.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

63.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

63.1 Talba

63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**63.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

63.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**63.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ħtieġa li nibdlu t-tabelli l-imsaddin li hawn madwar ir-raħal għax juru dehra ta' telqa.

63.4.2 Is-Sindku għamel referenza għall-problema kbira li hawn tal-għalf tal-qtates. Minkejja li għandna l-animal steward hawn ħafna nies jagħlfu u l-ispiża tal-għalf tal-qtates qed tkun ta' piż finanzjarju kbir għal Kunsill. Jinħtieġ li naraw x'sistema nistennew naddottaw għaliex ma' jagħmilx sens nitfaw il-piż fuq il-Kunsill hekk kif spiċċat l-skema li kienet ħarġet xi snin ilu.

63.4.3 Is-Sindku kkonferma li għall-Festa Roti 2024 ħadna l-ammont ta' €3000 u ser jieħdu ħsieb l-organizazzjoni ta' din il-festa mill-Għaqda RUST.

63.4.4 Is-Sindku rrakkomanda wkoll li bħala nstallazzjoni ta' CCTVs inzidu waħda fuq il-bejt tal-librerija li ġġib area kbira. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**63.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

63.5.1 Ma kienx hemm kummenti mill-kunsilliera x'jgħaddu.

**63.6 Korrispondenza**

63.6.1 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand Yama Yami Ltd peress li bqajna ma awardjajnix l-offerta tal-upkeeping tal-Latrina tax-Xatt. Il-Kunsill qabel li għandu jinkariga lill-avukat billi jirrispondi li t-tender baqa' ma ġiex awardjat peress li fil-preżent hemm ħsara kbira u ħriġna t-tender tal-upgrading tal-post għalissa.

63.6.2 Ġiet trattata n-nomina ta' Premju Mara – Is-Sindku Kevin Cauchi propona li għandna ninnominaw lil Mary Scicluna peress li tistinka ħafna għar-raħal u tgħin lil kull għaqda minkejja l-eta' avvanzata tagħha. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

63.6.3 Ġew trattati t-talbiet li kellna għal kollaborazzjoni fl-organizazzjoni ta' dawn l-attivitajiet:-

- Angelo Muscat – Kunċert Seba' Duluri ta' Marija – 14 ta Marzu 2024 – Knisja Aripretali. Il-Kunsill qabel li jikkollabora fi spejjes ta' massimu €200.
- Colin Attard - Gaulitana: A Festival of Music li ser jinżamm f'April fs-6 t'April fil-Knisja ta' Sant Antnin. Il-Kunsill qabel li jikkollabora fi spejjes ta' massimu €200.
- Pierre Louis Attard - 'Serenade for Strings' at St. Anthony of Padua Church nhar it-12 ta' Mejju. Il-Kunsill qabel li jikkollabora fi spejjes ta' massimu €200 u għajnuna bit-transport lil mużiċisti.

63.6.4 Is-Sindku rrefera għal fatt li Għawdex ġie rrakkomandat biex jingħata t-titlu ta' Reġjun Ewropew tal-Gastronomija 2026. Din il-kisba hija paġna importanti fl-istorja tal-iżvilupp tal-gżira Għawdxija għaliex tikkonferma l-identità vibranti ta' din il-gżira. Sar qbil li għalhekk għandna nifirħu għalhekk lir-Reġjun għal dan it-titlu.
63.6.5 Ġie trattat l-ilment rigward it-tpoġġija tal-iżgombru li qed tieħu ż-żarmar tat-tinda tal- One 80 peress li qed juża l-parkeġġi għal dismantling tat-tinda. Sar qbil li ntuħ sal-ewwel ġimgha ta' Marzu biex titlesta u jiġi klerjat kollox.

63.6.6 Ġiet trattata it-talba mingħand il-Gozo Connect sabiex fi Triq Merkanti issir Sleeping police quddiem tiegħu fil-parti d-dejqa minħabba traffiku li jkun ġej minn Triq Qala. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**63.7 Update dwar il-proġetti u dati tal-inawgurazzjoni**

63.7.1 Is-Sindku spjega kif issa li qed noqorbu lejn tmiem ċertu proġetti kapitali, xieraq li nikkonfermaw id-dati tal-inawgurazzjoni tagħhom.

63.7.2 Għall-inawgurazzjoni tal-**Librerija u Ċentru Marittimu** sar qbil li nippruvaw għal Ġimgħa 15 ta' Marzu 2024 fil-5pm u qed jiġu mistiedna Ministru għal Fondi Ewropej Dr Chris Fearne u Ministru għal Għawdex Clint Camilleri flimkien mas-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli.

63.7.3 Għall-inawgurazzjoni tal-proġett tal-Belvedere tal-**Qigħan is-Sindku spjega li** qed nistennew risposta mill-LESA sabiex jinfetaħ bidu t'April jew nofs April mill-Ministru tal-Intern Byron Camilleri u Ministru għal Għawdex Clint Camilleri flimkien mal-President Reġjun Għawdex Samuel Azzopardi.

63.7.4 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Proġett ta' Pjazza Tolfa ghadu kemmxejn lura u ghalhekk il-pjan hu lejn l-aħħar t'April jew bidu ta' Mejju għaliex baqa ħafna xogħol żgħir pendenti. Il-Kunsill qabel li għandu jistieden lil delegazzjoni magħmula mis-Sindku Stefania Bentivoglio, l-eks Sindku Luigi Landi u l-Onorevoli Alessandro Battilocchio.

63.7.5 **Playingfield Gudja - Il-**proġett huwa komplut izda inhasset il-htieg li jinqalghu l bollards tat triq habba l-Compliances fuq talba ta' Transport Malta billi suppost ma jkun hemm ebda ostaklu fit-triq. Sar qbil li l-bollards jitpoggew fuq in-naha ta' gewwa, fil-hamrija. Is-Sindku spjega kif eventwalment malli jkollna d-dawl, jiġu installati s- CCTVs.

63.7.6 **Triq Hamri** - Is-Sindku spjega kif fil-prezent għaddej ix-xogħol ta' drenaġġ li issa wasal ħdejn Triq Malta. Huwa previst li sal-aħħar ta' Marzu jkun lest kollox għal ewwel wiċċ tat-tarmac. Sar qbil li ghandna nitolbu lill-Ministeru biex nestendu bicca tarmac sad-djar li nbnew godda minn Karkanja Ltd.

63.7.7 **Pjazza Tolfa -** Is-Sindku għamel referenza għax-xogħol li tkompla din il-gimgha fuq dan il-progett, dak tal-mosaic. Is-Sur Norbert Cauchi qed jieħu ħsieb il-preparazzjoni tal-installazjoni tal-meter tad-dawl għaliex minflok street lighting se jkun hemm meter sabiex nkunu nistgħu nagħmlu wkoll CCTV. Il-ħadid tal-bankijiet huwa lest mill-powdercoating u qed nistennew l-kuntrattur jiġi jibda xogħol tal-qafas ta' taħt l-bankijiet. Il-canopy qed tinżebaħ mill-ħaddiema tagħna filwaqt li tħawwil ta' pjanti fuqa sar minn Joseph Bonello permezz ta' pjanti sukkulenti.

63.7. **Librerija u ċentru marittimu -** Dan il-proġett huwa prattikament lest. Jonqos biss ftit xogħol żgħir ta' printing, xkaffar tal-mudelli tad-dgħajjes u bieb li jagħti għal iskola u shifting tal-kotba.

63.7.9 **Public Convenience - Is-Sindku esprima d-dispjacir kbir tieghu li minkejja l-pressjoni kontinwa tieghu dan il-progett jinsab wieqaf.** Il-kuntrattur Ricard Cauchi jinhtieg li jkompli l- plumbing peress li d-dawl huwa lest. Baqa wkoll ħafna xogħol mill-kuntrattur Mark Attard kemm ġewwa u anke barra.

63.7.10 **Proġett – Belveder Triq Qigħan -** Il-proġett huwa kważi lest. Jonqos biss li l-Enemalta tixgħel id-dawl. L-applikazjzoni ghad-dawl diġa saret. Fadal ukoll ftit xoghħol ta' mosaic u l-installazzjoni tal-bankijiet.

63.7.11 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.** Il-fanali se jaslu fl-aħħar ta' Frar u jitwahhlu mal-ewwel. Minn naha l-ohra qed nistennew li l-kuntrattur Mark Attard jibqa ix-xogħol tal-pavimentar u twahhil tal-bollards.

63.7.12 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja -** Qed nistennew l-kuntrattur Mark Attard sabiex jiffirma l-kutratt u jibda x-xoghol.

63.7.13 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra -** Qed nistennew l-kuntrattur Road Construction Ltd sabiex jiġi sabiex jibda x-xogholijiet.

63.7.14 **Tisbieħ quddiem Kappela ta' Lourdes - Is-Sindku rrefera ghall-applikazzjoni tal-**Permessi tal-ippjanar li ġew applikati u propona li ghal dan il-progett napplikaw għal funding mal-LESA taħt l-iskema 'Progetti fil-Komunitajiet 2024'. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

63.7.15 **Bini Arkata - Is-Sindku spjega li ghal dan il-progett** tfajna l-applikazzjoni mad-DPF tal-Awtorita tal-Ippjanar u qed nistennew risposta iżda jidher li m'ghandux jkun hemm problema ta' funding.

63.7.16 **Ġnien Briegħen mal-Kunsill tax-Xewkija-** Il-Kunsill tax-Xewkija applika għal DNO mal-Planning Authority u ghadna qed nistennew l-ezitu taghha.

63.7.17 Librerija - Is-Sindku spjega li sal-ahhar ta' Frar mistennija titlesta biex tigi nawgurata u tibda topera. Sar qbil li ghal din l-inawgurazzjoni nistiednu lil-leaders tal-progett Amppa u Corallo, Ceo Libreriji, Diparitment Said, Direttur tal-Edukazzjoni, Kap u Assistenti kapijiet tal-Iskola Primarja. Sar qbil li ghandna nistiednu lill-Prim Ministru biex jinawgura dan il-progett.

**63.8 Attivita' ta' St. Patrick's f'Għajnsielem 2024**

63.8.1 Is-Sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu li l-Ministeru għal Għawdex ser jagħti l-kontribut ta' €8000 għall-attivita' tas-St Patrick's f'Għajnsielem. Addizzjonalment ma' dawn, l-unika dħul ieħor għal din l-attivita' huwa l-isponsor mingħand Farsons, dak ta' €500. Il-Kunsill qabel li għandu kemm jista jkun iżomm ma' dan l-ammont. Bħala rendition ta' bands sar qbil li għandna nistiednu lil dawn il-bands u jimxu f'din ir-rendizzjoni billi jingħata bidu fin-12:30:- Interpretazzjoni mill-Band Irlandiza Sham Rocks, Out of the Blues, Divine Sinners, Straitahead, Jolene Samhan & Band u tintemm bil-Cash & Band.

63.8.2 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal laqgħa li l-Ministru għal Għawdex għall-għaqdiet fejn matulha ġew diskussi il-kollaborazzjoni tal-attivitajiet kulturali b'mod speċjali l-attivita' tas- St.Patricks. Se tintalab wkoll għajnuna ta' sponsorship mill-Farsons.

63.8.3 Sar qbil li wara diskussjonijiet anke bejn l-għaqdiet kollha ġie deċiż li waqt l-attivita' l-permess għal bar fuq barra ser jinżamm bejn l-Għaqdiet tal-Football u dik tan-Nursery. Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrimarka illi xtaq li jingħaqdu l-Għaqdiet kollha preżenti għax peress li jidher li ser ikun hawn rispons tajjeb importanti li nkunu attrezzati ferm tajjeb.

63.8.4 Sar qbil ukoll imbagħad minn naħa l-oħra li għall-attivita' tal-Echoes by the Sea jarmaw flimkien l- għaqdiet kollha l- oħra mingħajr tal-Football. Il–Ministeru minn naħa tiegħu lest li jagħti l-għajnuna finanzjarja wkoll u għalhekk sar qbil li għandna napplikaw minnufih għall-din l-attivita' ta' nhar is-17 t'Awwissu 2024.

**63.9 Approvazzjoni tal-Financial Statements**

63.9.1 Ġew spjegati l-Financial Statement għas-sena finanzjarja li tagħlaq 2023. B'sodisfazzjoni ġie nnotat li minkejja l-volum kbir ta' proġetti u spejjes relatati, is-sena finanzjarja ntemmet bi żbilanc żgħir ta' 2% tal-allokazzjoni li jammonta ghal €9843.

**63.10 Estimi Finanzjarji**

63.10.1 Ġew diskussi l-estimi finanzjarji li jinkludu l-proġetti kapitali mibdija u l-kofinanzjament tagħhom. Sar qbil li l-Kunsill għandu jillimita kemm jista fi spejjes oħra specjalment dawk tal-attivitajiet.

## 63.11 Approvazzjoni tal-Pagamenti

63.11.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 129.

## 63.12 Materji oħra

Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

## 63.13 Tmiem tal-laqgħa

63.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:30 ta' filgħaxja.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**